# TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

## Decizjoni Nru 28/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Paul Nurton
u
Malta Metals Moenninghoff Limited

Chairman: G A Craig

Data: 9 ta' Ottubru, 1978

B'ittra li ggib id-data tat-30 ta' Awwissu, 1978, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura infurmat lil dan it-Tribunal li s-Sur Paul Nurton kien allega li hu gie mkecci mill-impieg li kellu mal-Malta Metals Moenninghoff Limited ingustament. Ghalhekk il-Ministru irreferiet din il-kwistjoni tax-xoghol lit-Tribunal, skond id-disposizzjonijiet tal-artiklu 22 (2) ta' l-att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Att Nru XXX ta-l-1976).

It-Tribunal zamm zewg seduti izda billi l-kaz ta' Paul Nurton gie rapprezentat mis-Sur Francis Zammit Dimech, li skond it-tieni proviso ghas-subartikolu (2) ta l-artiklu 31 ta' l-Att Nru XXX ta l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali ma jistghax jaqdi dan id-dmir peress li l-klassi ta' haddiema bhal Paul Nurton impjegati mill-kumpanija Malta Metals Moenninghoff Limited hija rapprezentata quddiem il-principal ta'l-istess kumpanija min-Trade Union li hi maghrufa mill-istess principal, haga li rrizulta ma' tul is-smiegh tal-proceduri quddiem dan it-Tribunal;

Ghaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal jiddikjara bhala null kull ma sar dwar il-kaz quddiemu sal-lum, l-istess kaz jerga jigi mismugh mill-gdid billi Paul Nurton jidher ghalih innifsu jew jigi rapprezentat skond l-istess proviso tal-ligi.

G A Craig
Chairman

A Bartolo Parnis
a/Segretarju